KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fit-30 ta' Ġunju 2016[1]

Kawża C-243/15

Lesoochranárske zoskupenie VLK
vs
Obvodný úrad Trenčín

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Najvyšší súd (qorti suprema, is-Slovakkja)]

"Ambjent — Konvenzjoni ta' Aarhus — Proċedura amministrattiva għall-awtorizzazzjoni ta' proġett — Talba ta' assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent biex tiġi rikonoxxuta bħala parti fil-proċedura — Konklużjoni tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni qabel id-deċiżjoni dwar it-talba — Protezzjoni ġudizzjarja kontra d-deċiżjoni — Protezzjoni ġudizzjarja effettiva"

I – **Introduzzjoni**

1. Il-kawża prinċipali, li wasslet għat-talba għal deċiżjoni preliminari preżenti, skont il-perspettiva ta' dak li jkun, tfakkar jew fix-xogħlijiet ġuridikament ispirati ta' Franz Kafka, speċjalment fir-rumanz "Vor dem Gesetz" ["Before the Law"], jew f'Don Quijote.

2. Fil-każ ta' Kafka, dak li fittex il-ġustizzja ġie miċħud l-aċċess għall-qorti mingħajr raġuni apparenti, sakemm huwa miet għaliex kien wisq eżawst. Għall-kuntrarju, Don Quijote jinsisti li jiġġieled mal-imtieħen tar-riħ, minflok ma jindirizza affarijiet iktar raġonevoli.

3. Anki l-organizzazzjoni mhux governattiva Lesoochranárske Zoskupenie VLK (assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-foresti VLK: iktar 'il quddiem l-"LZ") qed tipprova tikseb il-protezzjoni ġudizzjarja quddiem il-qrati Slovakki, sa issa mingħajr ebda suċċess. Minflok, l-LZ ġiet mistiedna tressaq rimedju ġudizzjarju ieħor, li sadanittant madankollu ma għadux possibbli minħabba limitazzjoni fiż-żmien. Iżda possibbilment l-iżball ma jinsabx fis-sistema ġudizzjarja Slovakka, iżda fil-fatt li l-LZ – minkejja struzzjonijiet f'dan is-sens – sostniet li ssegwi t-triq li qabdet darba minflok ma tbiddel id-direzzjoni fil-ħin.

4. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċċara jekk il-modalitajiet proċedurali ta' azzjoni kollettiva fil-liġi amministrattiva proċedurali Slovakka humiex kompatibbli mal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Huwa minnu li bħala prinċipju ma għandhiex issir oġġezzjoni għar-regoli Slovakki inkwistjoni. Madankollu, l-applikazzjoni tagħhom għall-kawża prinċipali teħtieġ attenzjoni partikolari, biex minn naħa jiġi evitat il-paradoss ta' Kafka, iżda min-naħa l-oħra lanqas ma jiġi promoss il-ġenn deskritt minn Cervantes. F'din is-sitwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' biss tagħti indikazzjonijiet lill-qrati nazzjonali dwar il-prinċipju fundamentali applikabbli, iżda finalment huma stess iridu jsibu s-soluzzjoni.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

5. Minkejja dan, l-Artikolu 47 tal-Karta japplika biss għall-infurzar tad-drittijiet jew tal-libertajiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-ewwel nett għandu jiġi eżaminat jekk assoċjazzjoni ambjentali, bħalma hija l-LZ fil-kawża prinċipali, tistax tinvoka tali drittijiet jew libertajiet.

6. Huwa minnu li b'rabta ma' ċerti proċeduri tal-parteċipazzjoni pubblika, mal-implementazzjoni mill-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali [2] diġà introduċiet azzjoni kollettiva limitata għal proċeduri ta' awtorizzazzjoni partikolari [3]. Iżda dawn ir-regoli ma jkoprux il-każ fil-kawża prinċipali.

7. Fid-dawl tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u tal-prinċipji ġenerali tal-invokazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, l-assoċjazzjonijiet ambjentali madankollu jistgħu jinfurzaw id-dritt ambjentali tal-Unjoni wkoll lil hinn mill-azzjoni kollettiva espressament irregolata. Addizzjonalment, fil-kawża prinċipali b'mod partikolari tista' tiġi dedotta pożizzjoni ġuridika korrispondenti direttament mill-Konvenzjoni ta' Aarhus.

II – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt internazzjonali*

8. Il-punt tat-tluq tal-istatus ġuridiku tal-assoċjazzjonijiet ambjentali fid-dritt tal-Unjoni hija l-Konvenzjoni ta' Aarhus. L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jistipula l-għanijiet tiegħu:

"Għal finijiet ta' kontribuzzjoni għall-protezzjoni tad-dritt ta' kull persuna ta' ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, li tgħix f'ambjent adegwat għas-saħħa u għall-benesseri tagħha, kull parti għandha tiggarantixxi d-drittijiet ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent, tal-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali u tal-aċċess ġudizzjarju fi kwistjonijiet ambjentali b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

9. Fid-definizzjoni ta' pubbliku u ta' pubbliku kkonċernat, l-assoċjazzjonijiet ambjentali huma indirizzati fl-Artikolu 2(4) u (5) tal-Konvenzjoni. Skont dawn:

"4. 'pubbliku' tfisser persuna waħda jew iktar fiżiċi jew ġuridiċi, u, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom;

5. 'pubbliku kkonċernat' tfisser il-pubbliku affettwat jew li aktarx ikun affettwat minn, jew li għandu interess fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali; għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-ħarsien ambjentali u li jissodisfaw ir-rekwiżiti taħt id-dritt nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

2 — Iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU 2006, L 164M, p. 17, iktar 'il quddiem il-"konvenzjoni ta' Aarhus").

3 — Direttiva 2003/35/KE tal-Palament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 446).

10. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jirrikjedi l-parteċipazzjoni pubblika f'deċiżjonijiet dwar ċerti attivitajiet. Dawn jinkludu elementi tal-evalwazzjoni ambjentali. L-Artikolu 6(1) jirregola l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proċedura:

"Kull parti:

a) għandha tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għal deċiżjonijiet dwar jekk għandhomx ikunu permessi l-attivitajiet proposti li huma elenkati fl-Anness I;

b) għandha tapplika wkoll, skont id-dritt nazzjonali tagħha, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għal deċiżjonijiet dwar attivitajiet proposti, li ma humiex elenkati fl-Anness I, li jista' jkollhom effett sinjifikattiv fuq l-ambjent. Għal dan il-għan, il-partijiet għandhom jistabbilixxu jekk dan l-Artikolu japplikax għal tali attività proposta" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

11. L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jinkludi dispożizzjonijiet dwar ir-rimedji ġudizzjarji fi kwistjonijiet ambjentali. L-Artikolu 9(2) jikkonċerna proċeduri li kienu s-suġġett ta' parteċipazzjoni pubblika, il-paragrafu 3 japplika għad-deċiżjonijiet ambjentali l-oħrajn kollha u l-paragrafu 4 fih prinċipji proċedurali speċifiċi.

"(2) Kull Parti għandha, fi ħdan il-qafas tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, tiżgura li l-membri tal-pubbliku kkonċernat:

a) li jkollhom interess biżżejjed, jew alternattivament,

b) li jsostnu preġudizzju ta' dritt, meta l-liġi proċedurali amministrattiva ta' Parti teħtieġ dan bħala kundizzjoni minn qabel, ikunu jistgħu jippreżentaw rikors quddiem qorti u/jew korp indipendenti u imparzjali ieħor stabbilit bil-liġi, sabiex jikkontestaw il-legalità sostantiva u proċedurali ta' kull deċiżjoni, att jew ommissjoni suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 u, meta d-dritt nazzjonali hekk jipprovdi u bla ħsara għall-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, tad-dispożizzjonijiet rilevanti l-oħra ta' din il-konvenzjoni.

Dak li jikkostitwixxi interess ġuridiku suffiċjenti u ksur ta' dritt għandu jiġi stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali u b'mod konformi mal-għan li l-pubbliku kkonċernat jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja fil-kuntest ta' din il-konvenzjoni. Għal dan il-għan, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 2(5) għandu jitqies suffiċjenti għall-finijiet tal-punt (a) iktar 'il fuq. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom ukoll jitqiesu li għandhom drittijiet li jistgħu jkunu suġġett ta' ksur għall-finijiet tal-punt (b) iktar 'il fuq.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu 2 ma għandhomx jeskludu l-possibbiltà li titressaq proċedura preliminari quddiem awtorità amministrattiva u ma għandhomx jaffettwaw l-obbligu li jiġu eżawriti r-rimedji amministrattivi qabel ma jingħata bidu għal proċedura ġudizzjarja, meta dan l-obbligu jkun previst fid-dritt nazzjonali.

(3) Barra minn hekk, u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri ta' rikors imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 iktar 'il fuq, kull Parti għandha tara li l-membri tal-pubbliku li jissodisfaw l-eventwali kriterji previsti mid-dritt nazzjonali tagħha jkunu jistgħu jibdew proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji sabiex jikkontestaw l-atti jew ommissjonijiet minn individwi jew minn awtoritajiet pubbliċi li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar l-ambjent.

(4) Barra dan u bla ħsara għall-paragrafu 1, il-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 iktar 'il fuq għandhom jipprovdu rimedji xierqa u effettivi, inkluż inġunzjonijiet fejn ikun xieraq, u għandhom ikunu oġġettivi, ekwi, rapidi u l-ispiża għalihom ma għandhiex tkun tali li tipprekludihom.

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

B – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent

12. Partijiet mill-Konvenzjoni ta' Aarhus trasposta fid-dritt tal-Unjoni jinsabu fid-Direttiva 2011/92[4].

13. L-Artikolu 1(2)(d) u (e) tad-Direttiva 2011/92/UE jiddefinixxi l-kunċett ta' pubbliku kkonċernat:

"(d) 'pubbliku' tfisser persuna jew iktar naturali jew legali, u, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prassi nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom;

(e) 'pubbliku kkonċernat': tfisser il-pubbliku affettwat jew x'aktarx li jiġi affettwat bil-proċeduri dwar it-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-ambjent imsemmija fl-Artikolu 2(2) jew li għandu interess fihom. Għall-għanijiet ta' din id-definizzjoni, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent u jissodisfaw kull rekwiżit taħt il-liġijiet nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess".

14. L-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/92/UE fih dispożizzjoni dwar l-aċċess għall-ġustizzja li, fil-biċċa l-kbira tagħha, tirrifletti l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u li ġiet introdotta wkoll permezz tad-Direttiva 2003/35:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku kkonċernat:

(a) li jkollhom interess suffiċjenti, jew alternattivament,

(b) li jsostnu l-ksur ta' dritt, meta l-liġi amministrattiva proċedurali ta' Stat Membru teħtieġ dan bħala pre-kondizzjoni,

ikollhom aċċess għal proċedura ta' stħarriġ quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi sabiex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku.

2. […]

3. Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u l-ksur ta' dritt għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-objettiv li jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja lill-pubbliku kkonċernat. Għal dak il-fini, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jitqies suffiċjenti għall-għan tal-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Tali organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li jistgħu jinkisru għall-għan tal-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. […]"

4 — Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2011, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU 2012, L 26, p. 1), emendata l-aħħar bid-Direttiva 2014/52/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' April 2014 (ĠU L 124, p. 1).

2. Il-protezzjoni tan-natura

15. Id-Direttiva "Habitats"[5] tipprevedi l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni, l-hekk imsejħa siti ta' importanza għall-Komunità. L-Artikolu 6(3) jirrikjedi evalwazzjoni *ex ante* ta' proġetti li jistgħu jaffettwaw lil dawn is-siti b'mod sinjifikattiv:

"Kull pjan jew proġett li mhux marbut direttament ma' jew li ma hux meħtieġ għat-tmexxija tas-sit iżda li x'aktarx se jkollu effett sinifikanti fuqu, jew b'mod individwali jew inkella flimkien ma' xi pjanijiet jew proġetti oħra, għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni xierqa ta' l-implikazzjonijiet tiegħu għas-sit in vista ta' l-għanjiet ta' konservazzjoni tas-sit. Fl-isfond tar-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-implikazzjonijiet għas-sit u skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jaqblu dwar il-pjan jew il-proġett biss wara li jkunu żguraw li dan ma jaffettwax ħażin l-integrità tas-sit konċernat u, jekk xieraq, wara li jkunu raw l-opinjoni tal-pubbliku ġenerali".

16. Din id-dispożizzjoni, skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva "Habitats", tapplika wkoll għaż-żoni ta' protezzjoni tal-għasafar li ġew innominati skont id-Direttiva "Għasafar"[6].

C – *Id-dritt tar-Repubblika Slovakka*

17. L-Artikolu 14 tal-Liġi Nru 71/1967 dwar il-proċedura amministrattiva (Správny poriadok, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi ta' proċedura amministrattiva") fil-verżjoni applikabbli għall-kawża prinċipali jispeċifika:

"(1) Hija parti fil-proċedura dik il-persuna li d-drittijiet, l-interessi legalment protetti jew l-obbligi tagħha għandhom ikunu suġġett tal-azzjoni regolatorja jew dik il-persuna li d-drittijiet, l-interessi legalment protetti jew id-dmirijiet tagħha jistgħu jiġu affettwati direttament mid-deċiżjoni; parti fil-proċedura hija wkoll dik il-persuna li ssostni li hija tista' tiġi affettwata direttament mid-deċiżjoni fid-drittijiet, l-interessi legalment protetti jew l-obbligi tagħha, sakemm tingħata prova kuntrarja.

(2) Parti fil-proċedura hija wkoll dik il-persuna li tingħata tali pożizzjoni minħabba liġi partikolari."

18. L-Artikolu 250b(2) u (3) tal-Kodiċi ta' proċedura ċivili (Občiansky súdny poriadok) fil-verżjoni applikabbli għall-kawża prinċipali, jinkludi *inter alia*, ir-regoli segwenti, li jikkonċernaw il-kontenut tad-domandi preliminari magħmula:

"(2) Jekk ir-rikors jiġi ppreżentat minn persuna li tallega li hija ma ġietx innotifikata bid-deċiżjoni tal-awtorità amministrattiva, għalkemm hija għandha tkun involuta fil-proċedura, il-qorti għandha tistħarreġ il-validità ta' din l-allegazzjoni, titlob lill-awtorità amministrattiva tinnotifika d-deċiżjoni amministrattiva lil din il-parti, u jekk ikun meħtieġ timponi s-sospensjoni tal-infurzabbiltà tagħha. L-awtorità amministrattiva hija marbuta b'din il-fehma tal-qorti. Jekk fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva wara l-eżekuzzjoni tal-ordni ġudizzjarja tan-notifika tad-deċiżjoni tinbeda azzjoni amministrattiva, l-awtorità amministrattiva għandha tinforma lill-Qorti Ġenerali dwar dan mingħajr dewmien żejjed".

5 — Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102), emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/17/UE, tat-13 ta' Mejju 2013, li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tal-ambjent, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158, p. 193).

6 — Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU 2010, L 20, p. 7) emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/17/UE, tat-13 ta' Mejju 2013, li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tal-ambjent, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158, p. 193).

(3) Il-qorti tipproċedi skont il-paragrafu 2 biss jekk mill-adozzjoni tad-deċiżjoni li ma ġietx innotifikata lir-rikorrent ma jkunx għadu għadda terminu ta' tliet snin".

III – **Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari**

19. Permezz ta' notifika tat-18 ta' Novembru 2008, l-LZ ġiet informata dwar il-ftuħ ta' proċedura amministrattiva fejn kellu jiġi deċiż jekk tistax tingħata l-awtorizzazzjoni lill-kumpannija pubblika ta' responabbiltà limitata Biely potok a.s. (iktar 'il quddiem "BPAS") għall-bini ta' ħajt ta' lqugħ ta' art li tinsab barra ż-żona żviluppata ta' muniċipalità. Il-proġett kien marbut ma' estensjoni ppjanata taż-żona magħluqa fejn BPAS trabbi annimali tal-kaċċa, u tabilħaqq fuq artijiet li jinsabu f'riżerva naturali, li r-Repubblika Slovakka inkludietha fin-netwerk NATURA 2000 bħala żona ta' konservazzjoni skont id-Direttiva "Għasafar" u bħala sit ta' importanza għall-Komunità fis-sens tad-Direttiva "Habitats".

20. L-LZ talbet li tiġi sospiża l-proċedura ta' awtorizzazzjoni u li tingħata risposta għall-kwistjoni inċidentali dwar l-għoti ta' deroga għall-protezzjoni ta' speċi protetti mill-ministeru tal-ambjent kompetenti għal dan, filwaqt li tindika l-aspetti negattivi speċifikati f'opinjoni tal-awtorità statali għall-protezzjoni tan-natura, li tamministra r-riżerva naturali, u li huma ta' natura tant serja li huma suffiċjenti sabiex tiġi rrifjutata l-awtorizzazzjoni.

21. F'parti mill-proċedura ta' awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għall-ewwel iddeċidew, f'April u f'Ġunju tal-2009, li l-LZ ma ngħatax il-pożizzjoni bħala parti fil-proċedura; dan huwa s-suġġett tal-istħarriġ ġudizzjarju attwali fil-kawża prinċipali. Konsegwentement, l-LZ ippreżentat rikors quddiem il-Krajský súd v Trenčíne (qorti reġjonali ta' Trenčín), u insostenn tar-rikonoxximent tal-pożizzjoni bħala parti fil-proċedura ta' awtorizzazzjoni, invokat b'mod speċjali l-Konvenzjoni ta' Aarhus.

22. Imbagħad, il-proċedura ta' awtorizzazzjoni fir-rigward ta' BPAS intemmet permezz ta' awtorizzazzjoni mogħtija immedjatament fl-10 ta' Ġunju 2009; fl-istess ħin, skont l-informazzjoni tal-qorti suprema, id-deċiżjoni kkontestata msemmija iktar 'il fuq dwar in-nuqqas ta' rikonoxximent tal-pożizzjoni tagħha bħala parti fil-proċedura saret "finali".

23. Wara li l-qorti reġjonali kkonstatat li kienet pendenti l-proċedura għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-240/09 quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li seta' jkollha impatt fuq id-deċiżjoni tagħha stess, hija ssospendiet il-proċedura pendenti quddiemha sakemm tingħata deċiżjoni dwar din il-kawża, u filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni s-sentenza li mbagħad ingħatat [7], kif ukoll is-sentenza tal-qorti suprema tar-Repubblika Slovakka relatata magħha f'każ simili, annullat iż-żewġ deċiżjonijiet ikkontestati permezz ta' sentenza tat-23 ta' Awwissu 2011 minħabba evalwazzjoni żbaljata fil-mertu u rreferiet il-kawża lura lill-awtoritajiet amministrattivi għall-bqija tal-proċedura.

24. F'din id-deċiżjoni, il-qorti reġjonali kienet tal-istess fehma bħal-LZ, li hija għandha tgawdi mid-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja fir-rigward tad-dritt għall-protezzjoni tal-ambjent jew id-dritt għal kundizzjonijiet ambjentali favorevoli. Il-qorti reġjonali rreferiet direttament għall-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aaruhus flimkien mal-Artikolu 44(1) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka.

25. Fil-proċedura ta' appell, il-qorti suprema, fis-26 ta' Jannar 2012, annullat l-ewwel deċiżjoni tal-qorti reġjonali, irreferiet il-kawża lura lilha biex terġa tikkunsidraha u informatha dwar il-fehma legali vinkolanti tagħha, li s-suġġett tal-proċedura dwar il-parteċipazzjoni ma kienx għadu validu. Fil-fehma tal-qorti suprema, stħarriġ separat tad-deċiżjoni dwar in-nuqqas ta' rikonoxximent tal-pożizzjoni bħala parti fil-proċedura amministrattiva huwa amissibbli biss sakemm il-proċedura amministrattiva tkun għadha għaddejja.

7 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125).

26. Sussegwentement, il-qorti reġjonali, bit-tieni deċiżjoni tagħha tat-12 ta' Settembru 2012 għal darba oħra annullat id-deċiżjonijiet taż-żewġ awtoritajiet amministrattivi dwar in-nuqqas ta' rikonoxximent tal-pożizzjoni bħala parti fil-proċedura u rreferiet il-kawża lura biex tiġi kkunsidrata ulterjorment. Il-qorti suprema madankollu annullat din id-deċiżjoni fit-28 ta' Frar 2013.

27. Fuq din il-bażi, bit-tielet deċiżjoni tagħha ta' April 2013, il-qorti reġjonali aġġustat l-istħarriġ ġudizzjarju, madankollu ma indikatx lil-LZ biex tressaq talba għal notifika *a posteriori* tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni finali, minħabba li minn meta ngħatat l-awtorizzazzjoni kien diġà għadda t-terminu ta' tliet snin għall-preżentata tar-rikors minħabba l-proċedura ġudizzjarja li kienet għaddejja.

28. Fil-proċedura ta' appell li issa nbdiet mil-LZ, il-qorti suprema tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea d-domanda segwenti:

"Fil-każ ta' allegat ksur tad-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, implementat prinċipalment, f'dak li jikkonċerna l-Unjoni Ewropea, bid-Direttiva [Habitats], jiġifieri b'mod partikolari permezz ta' għajnuna sabiex tinkiseb l-opinjoni tal-pubbliku ġenerali fuq proġett li x'aktarx jaffettwa b'mod sinjifikattiv żoni speċjali ta' konservazzjoni kkonċentrati fin-netwerk ekoloġiku Ewropew taħt l-isem ta' NATURA 2000, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u d-dritt li r-rikorrenti, fil-kwalità tagħha bħala assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru stabbilita għall-finijiet tal-protezzjoni tal-ambjent fil-livell nazzjonali, issostni skont l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u fil-limiti indikati fis-sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125) jistgħu jiġu applikati b'mod ekwu wkoll meta l-qorti nazzjonali tagħlaq l-istħarriġ ġudizzjarju f'tilwima dwar l-eżami mill-ġdid ta' deċiżjoni li ma tirrikonoxxix il-pożizzjoni legali bħala parti fi proċedura amministrattiva dwar l-għoti ta' awtorizzazzjoni, bħalma huwa l-każ f'din il-kawża, u tistieden lir-rikorrenti sabiex tippreżenta appell peress li ġiet eskluża mill-proċedura amministrattiva msemmija?"

29. Il-Lesoochranárske Zoskupenie VLK, ir-Repubblika Slovakka u l-Kummissjoni Ewropea pprovdew osservazzjonijiet bil-miktub u ħadu sehem fis-seduta tat-18 ta' April 2016. Qabel is-seduta, dawn it-tliet partijiet u Biely potok a.s. wieġbu wkoll bil-miktub għal diversi domandi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

IV – **Analiżi**

30. Bit-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti suprema tixtieq tkun taf jekk il-modalitajiet tal-infurzar tad-drittijiet ta' assoċjazzjoni ambjentali previsti fid-dritt Slovakk jissodisfawx id-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari r-rekwiżiti tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

31. Il-qorti suprema b'mod korrett tassumi li d-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni japplikaw biss f'sitwazzjonijiet irregolati mid-dritt tal-Unjoni[8]. Barra minn hekk, l-Artikolu 47 tal-Karta jikkonċerna biss id-dirttijiet jew il-libertajiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-ewwel nett jien ser neżamina l-eżistenza ta' sitwazzjonijiet legali tal-assoċjazzjoni li huma rregolati mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan ir-rigward, it-Taqsima A), u mbagħad ser niddiskuti r-rekwiżiti tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva mitluba mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan ir-rigward, it-Taqsima B).

8 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses (C-419/14, EU:C:2015:832, punt 66).

A – *Fuq is-sitwazzjonijiet legali rregolati mid-dritt tal-Unjoni tal-assoċjazzjonijiet ambjentali*

32. Il-qorti suprema tqis li l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni huwa applikabbli, minħabba li fil-kawża prinċipali huma affettwati l-obbligi tal-Istat Membru li jirriżultaw mid-Direttiva 'Habitats'. Barra minn hekk, hija ssemmi l-Konvenzjoni ta' Aarhus.

33. Mal-ewwel daqqa t'għajn, ir-rikors fil-kawża prinċipali jikkonċerna l-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' ħajt ta' lqugħ fi ħdan żona protetta. Madankollu, din il-parteċipazzjoni ma hijiex espressament u direttament irregolata mid-dritt tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, dan huwa kunċett tad-dritt Slovakk. Minkejja dan, hija tkopri elementi li possibbilment huma ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni. B'rabta ma' tali elementi, il-garanzija tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva taħt id-dritt tal-Unjoni tista' ssir sinjifikattiva.

34. Id-domanda ovvja, dwar jekk jeżistix dritt għal parteċipazzjoni pubblika fi proċeduri ta' awtorizzazzjoni abbażi tad-dritt tal-Unjoni, madankollu ma teħtieġ ebda elaborazzjoni. Dan għaliex mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-LZ ġiet informata dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni u setgħet tesprimi ruħha dwarha. B'hekk din ingħatat livell minimu ta' drittijiet ta' parteċipazzjoni.

35. Fir-realtà, l-LZ primarjament ma hijiex ikkonċernata mill-fatt li tesprimi ruħha dwar il-proġett, iżda qed tilmenta dwar id-dritt li tkun tista' tikkontesta l-awtorizzazzjoni tal-proġett quddiem qorti. Mill-argumenti tal-partijiet jirriżulta li r-rikonoxximent bħala parti fil-proċedura skont id-dritt Slovakk huwa prekundizzjoni sabiex tkun tista' tikkontesta d-deċiżjoni li ttemm il-proċedura (l-Artikolu 53 tal-Kodiċi ta' proċedura amministrattiva Slovakk u l-Artikolu 250(2) tal-Kodiċi ta' proċedura ċivili Slovakk).

36. Fil-fatt, id-dritt tal-Unjoni jiġġustifika drittijiet ta' azzjoni tal-assoċjazzjonijiet ambjentali. Minn naħa d-drittijiet korrispondenti ta' azzjoni jirriżultaw direttament mid-dritt tal-Unjoni, f'dan il-każ mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats" (ara, f'dan ir-rigward, it-Taqsima 1). Min-naħa l-oħra, fl-Artikoli 9(2) u 6 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus huma espressament previsti ċerti drittijiet għal azzjoni legali b'rabta ma' proċeduri tal-parteċipazzjoni pubblika (ara, f'dan ir-rigward, it-Taqsima 2).

1. Fuq l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats"

37. Dritt ta' azzjoni jirriżulta direttament mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats".

38. F'dan ir-rigward is-Slovakkja u BPAS jargumentaw li l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma għadhiex iktar is-suġġett tal-kawża prinċipali, minħabba li diġà ttieħdet deċiżjoni finali dwarha. Sussegwentement, ma kinux meħtieġa konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats".

39. Fis-seduta, madankollu, minkejja diversi mistoqsijiet, baqa' mhux ċar jekk fir-realtà kinitx ikkonċernata deċiżjoni li tista' tiġi kkontestata b'mod separat, jew sempliċement opinjoni fil-proċedura ta' awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, fit-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti suprema assumiet li l-applikazzjoni tad-Direttiva "Habitats" għadha tassew suġġett tal-kawża prinċipali. Għalhekk, fir-rinviju preliminari preżenti, wieħed għandu jieħu din is-suppożizzjoni bħala l-punt tat-tluq.

40. Skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats", il-pjanijiet jew il-proġetti li waħedhom jew flimkien ma' pjanijiet u proġetti oħra jistgħu jaffettwaw żona ta' konservazzjoni b'mod sinjifikattiv fis-sens tad-Direttiva "Habitats" jew tad-Direttiva "Għasafar", jeħtieġu evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mal-għanijiet ta' konservazzjoni stabbiliti għal dan is-sit. Filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni r-riżultati tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti japprovaw il-pjan jew il-proġett biss meta jkunu stabbilixxew li s-sit bħala tali ma huwiex ser jiġi affettwat, u jekk meħtieġ, wara li jkunu semgħu lill-pubbliku.

41. Id-Direttiva "Habitats" ma fiha ebda indikazzjoni dwar jekk l-Artikolu 6(3) jiġġustifikax id-dritt ta' assoċjazzjoni ambjentali li tippreżenta rikors minħabba ksur ta' din id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward jien tal-fehma li l-*individwi* jistgħu jinvokaw din id-dispożizzjoni f'dan ir-rigward biss meta d-dritt *nazzjonali* joffrilhom rimedji kontra l-miżuri li jiksru d-dispożizzjoni msemmija [9].

42. Minkejja dan, ikun inkompatibbli mal-effett vinkolanti li l-Artikolu 288 TFUE jattribwixxi lid-direttivi jekk bħala prinċipju jiġi eskluż li l-persuni kkonċernati jistgħu jinvokaw l-obbligu impost minn direttiva [10]. Mill-inqas il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li huma affettwati direttament minn ksur tad-dispożizzjonijiet tad-direttivi, konsegwentement iridu jkunu jistgħu jitolbu li jiġu osservati l-obbligi korrispondenti mill-awtoritajiet kompetenti – possibbilment billi jressqu kawża quddiem il-qrati kompetenti [11].

43. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats" japplika direttament sa fejn l-awtoritajiet nazzjonali ma jkunux jistgħu japprovaw attività skont din id-dispożizzjoni f'sitwazzjoni ta' inċertezza eżistenti minħabba fl-assenza ta' effetti ta' ħsara fuq is-sit ikkonċernat [12]. Sa fejn tali effetti jkunu ġew ikkonstatati, dan naturalment japplika iktar u iktar. Fiż-żewġ każijiet, awtorizzazzjoni l-iktar l-iktar tista' tiġi ddikjarata b'mod eċċezzjonali skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva "Habitats" [13].

44. Madankollu, huwa dubjuż jekk l-LZ kinitx ikkonċernata direttament minn ksur tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats".

45. F'dan il-każ huma direttament ikkonċernati dawk il-persuni li jinvokaw ksur ta' *drittijiet* proprji tagħhom, iżda f'dan il-każ ma hemm ebda indikazzjoni ta' dan.

46. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet, anki fir-rigward tal-LZ u tad-Direttiva "Habitats", li l-organizzazzjonijiet ambjentali għandhom ikunu jistgħu jikkontestaw deċiżjoni amministrattiva li possibbilment tkun kontra d-dritt dwar l-ambjent tal-Unjoni quddiem qorti [14].

47. Il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza s-setgħa ta' persuni fiżiċi *jew* ġuridiċi li jaġixxu kontra r-riskju li jinqabżu l-valuri limitu li jservu għall-protezzjoni tas-saħħa huwa fl-istess direzzjoni [15]. Filwaqt li s-sitwazzjoni ta' persuni fiżiċi direttament ikkonċernati tirriżulta mill-fatt li tkun affettwata saħħithom stess, dan ma jistax jiġi allegat fir-rigward ta' persuni ġuridiċi.

9 — Konklużjonijiet fil-kawża Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:60, punti 138 sa 144).

10 — Sentenzi tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:482, punt 66), u tal-25 ta' Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447, punt 37 u l-ġurisprudenza l-oħra).

11 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447, punt 39), u tas-26 ta' Mejju 2011, Stichting Natuur en Milieu *et*. (C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punt 100).

12 — Sentenza tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:482, punti 68 u 69).

13 — Sentenza tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:482, punt 60).

14 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125, punt 51).

15 — Sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447, punti 38 u 39).

48. Il-persuni ġuridiċi, bħalma huma pereżempju l-assoċjazzjonijiet ambjentali, madankollu jistgħu jkunu kkonċernati mill-ksur ta' dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tas-saħħa sa fejn ikun legalment rikonoxxut l-interess tagħhom fil-protezzjoni tas-saħħa. Għalkemm fil-każ preżenti ma hijiex ikkonċernata l-protezzjoni tas-saħħa, fir-rigward tal-protezzjoni ambjentali r-rikonoxximent legali tal-interessi tal-assoċjazzjoni huwa saħansitra iktar evidenti. Dan peress li r-rikonoxximent tal-interess ta' ċerti assoċjazzjonijiet fil-protezzjoni tal-ambjent huwa previst taħt id-dritt tal-Unjoni fit-tieni sentenza tal-Artikolu 1(2)(e) tad-Direttiva 2011/92 u b'mod usa fl-Artikolu 2(5) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. L-Istati Membri jridu jirrikonoxxu l-assoċjazzjonijiet favur il-protezzjoni tal-ambjent u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha l-oħra applikabbli skont id-dritt nazzjonali. F'dan ir-rigward għandhom jiġu żgurati "aċċess wiesa' għall-ġustizzja" u l-effettività prattika tal-azzjoni rappreżentattiva skont id-Direttiva 2011/92 [16].

49. Abbażi tal-interess legalment rikonoxxut ta' din l-assoċjazzjoni fil-protezzjoni tal-ambjent, hija suffiċjentement ikkonċernata minn ksur ta' dispożizzjonijiet direttament applikabbli tad-dritt dwar l-ambjent tal-Unjoni, sabiex tinvoka dawn id-dispożizzjonijiet quddiem il-qrati nazzjonali. Dan japplika b'mod speċjali jekk hija tinvoka l-ksur tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats".

50. Ir-rikonoxximent tal-fatt li l-assoċjazzjonijiet ambjentali huma direttament ikkonċernati minn ksur tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats" huwa meħtieġ ukoll mill-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Huwa minnu li din id-dispożizzjoni ma hijiex direttament applikabbli [17], iżda meta jkun hemm biża' ta' ksur tad-Direttiva "Habitats", il-qorti nazzjonali, bl-għan li tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni tal-ambjent, għandha tagħti interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha li, sa fejn ikun possibbli, tkun konformi mal-għanijiet iffissati fl-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus [18]. Dawn huma mmirati sabiex jippermettu li tiġi żgurata protezzjoni tal-ambjent effettiva [19]. Peress li l-Konvenzjoni ta' Aarhus hija element integrali mid-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-istess obbligu.

51. Jekk l-assoċjazzjonijiet ambjentali rikonoxxuti jkunu intitolati jinfurzaw id-dispożizzjonijiet direttament applikabbli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-ambjent, b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats", dan jikkontribwixxi għall-għan tal-infurzar effettiv tad-dritt dwar l-ambjent.

52. Barra minn hekk, din il-konklużjoni ma hijiex barranija għad-dritt tal-Unjoni, peress li l-assoċjazzjonijiet ambjentali rikonoxxuti jistgħu wkoll jinvokaw l-Artikolu 6 tad-Direttiva "Habitats" fil-kuntest ta' azzjoni skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/92 jew l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus [20].

53. Konsegwentement, għandu jiġi nnotat li l-assoċjazzjonijiet ambjentali rikonoxxuti fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 1(2)(e) tad-Direttiva 2011/92 irid ikollhom il-possibbiltà li jieħdu azzjoni legali quddiem il-qrati kontra ksur tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats".

2. Fuq il-Konvenzjoni ta' Aarhus

54. Minbarra dan, id-dritt ta' azzjoni fil-kawża prinċipali jiddependi wkoll direttament fuq il-Konvenzjoni ta' Aarhus.

16 — Sentenza tal-15 ta' Ottubru 2009, Djurgården-Lilla Värtans Miljöskyddsförening (C-263/08, Ġabra EU:C:2009:631, punt 45).

17 — Sentenzi tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125, punt 45), u tat-13 ta' Jannar 2015, Il-Kunsill *et* vs Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (C-401/12 P sa C-403/12 P, EU:C:2015:4, punt 55), kif ukoll Il-Kunsill u Il-Kummissjoni vs Stichting Natuur en Milieu u Pesticide Action Network Europe (C-404/12 P u C-405/12 P, EU:C:2015:5, punt 47).

18 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125, punt 50).

19 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125, punt 46).

20 — Sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, Bund für Umwelt u Naturschutz Deutschland, Landesverband Nordrhein-Westfalen (C-115/09, EU:C:2011:289, punt 49).

55. Skont l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Istati kontraenti jridu jagħtu aċċess għall-proċedura ta' stħarriġ lill-membri tal-pubbliku kkonċernat, sabiex jikkontestaw il-legalità sostantiva u proċedurali ta' deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet li għalihom japplika l-Artikolu 6. L-awtorizzazzjoni ta' ħajt ta' lqugħ li wasslet għall-kawża prinċipali tista' tkun suġġetta għall-Artikolu 6(1)(b).

a) Fuq l-effetti legali tal-Konvenzjoni ta' Aarhus

56. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus ġiet iffirmata minn dik li kienet il-Komunità Ewropea u sussegwentement ġiet approvata bid-Deċiżjoni 2005/370. Għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, skont l-Artikolu 216(2) TFUE minn dakinhar 'il quddiem saru komponent integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [21].

57. Huwa minnu li l-Konvenzjoni ġiet konkluża mill-Komunità u mill-Istati Membri tagħha abbażi ta' kompetenzi kondiviżi, iżda l-Qorti tal-Ġustizzja, meta tiġi adita skont l-Artikolu 267 TFUE, għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddistingwi bejn l-obbligi li l-Unjoni tassumi u dawk li jibqgħu biss taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u (għal dan l-għan), sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus [22]. Jekk hija tikkonkludi li d-dispożizzjoni inkwistjoni hija waħda mill-obbligi li tassumi l-Unjoni, hija jkollha wkoll ġurisdizzjoni sabiex tinterpretaha.

58. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jipprevedi, għall-awtorizzazzjoni ta' ċerti attivitajiet, parteċipazzjoni pubblika b'evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent. L-Artikolu 9(2) jirregola d-dritt ta' azzjoni korrispondenti. Dawn id-dispożizzjonijiet fil-biċċa l-kbira ġew trasposti permezz tad-Direttiva 2011/92, biex b'hekk jikkonċernaw qasam kopert fil-parti l-kbira tiegħu mid-dritt tal-Unjoni. Għal din ir-raġuni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta l-Artikolu 6 u l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni mingħajr restrizzjoni [23].

59. Dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġġustifikaw id-drittijiet u l-libertajiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta jew direttament, jew inkella billi jiddeterminaw il-kontenut tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni jew tad-dritt tal-Istati Membri. Ma hemm ebda indikazzjoni li l-kawża prinċipali hija affettwata mill-aħħar sitwazzjoni. Konsegwentement, l-Artikolu 6 u l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni jistgħu jagħmlu applikabbli l-Artikolu 47 tal-Karta biss meta jingħatalhom effett dirett li jkun ta' vantaġġ għal assoċjazzjoni bħalma hija l-LZ fil-kawża prinċipali.

60. Ir-regoli ta' konvenzjoni konklużа mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ma' Stati terzi għandhom effett dirett, meta, fid-dawl tal-kliem tagħhom kif ukoll tal-għan u n-natura jew in-"natura u l-istruttura" ta' din il-konvenzjoni, huma jinkludu obbligi ċari u speċifiċi li ma humiex suġġetti, fl-eżekuzzjoni jew fl-effetti tagħhom, għal intervent ta' ebda att ulterjuri [24].

21 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 — Ara s-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2002, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-13/00, EU:C:2002:184, punt 20), tas-7 ta' Ottubru 2004, Il-Kummissjoni vs Franza, C-239/03, EU:C:2004:598, punti 29 sa 31), tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125, punt 36), u s-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-114/12, EU:C:2014:2151, punt 102).

24 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett għandu jiġi nnotat li l-Konvenzjoni ta' Aarhus, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tagħha, b'differenza pereżempju mil-liġi tad-WTO [25], skont l-għan u n-natura tagħha hija mmirata sabiex tiġġustifika d-drittijiet tal-individwi u tal-assoċjazzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat preċiżament dan l-għan, jew l-assenza tiegħu, meta eżaminat in-natura u l-istruttura tal-Konvenzjoni dwar il-Liġi tal-Baħar fis-sentenza Intertanko [26].

62. Barra minn hekk, dwar l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/92, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li dan huwa direttament applikabbli fir-rigward tad-drittijiet tal-assoċjazzjonijiet ambjentali [27]. Dan għandu japplika wkoll għall-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni, peress li din id-dispożizzjoni, sa fejn hija rilevanti, hija konsistenti mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/92.

63. Konsegwentement, għad irid jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni fihx ukoll obbligu ċar u speċifiku, li l-eżekuzzjoni u l-effetti tiegħu ma jiddependux mill-adozzjoni ta' att ulterjuri [28].

b) Fuq l-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus

64. Konformement mal-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-partijiet kontraenti japplikaw id-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dan l-artikolu dwar il-parteċipazzjoni pubblika b'konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom meta jiddeċiedu dwar l-attivitajiet ippjanati li ma humiex elenkati fl-Anness I, li jista' jkollhom effett sinjifikattiv fuq l-ambjent. Għal dan l-għan, huma jiddeterminaw jekk l-Artikolu 6 japplikax għal tali attività ppjanata.

65. L-Anness I tal-Konvenzjoni jirreferi għall-Artikolu 6(1)(a), li jipprevedi parteċipazzjoni pubblika obbligatorja għall-awtorizzazzjoni tal-attivitajiet imsemmija f'dan l-anness. Madankollu, l-għeluq ta' ċerti żoni għall-estensjoni ta' riżerva ta' annimali tal-kaċċa ma hijiex imsemmija f'dan l-anness.

66. Ir-riferiment tal-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni għad-dritt nazzjonali u d-dispożizzjoni tal-applikabbiltà tal-Artikolu 6 mill-partijiet kontraenti jistgħu jfissru li l-parteċipazzjoni pubblika fuq il-bażi tal-Artikolu 6(1)(b) hija possibbli biss skont ir-rekwiżiti tad-dritt tal-partijiet kontraenti. Il-Kumitat tal-Konformità tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ukoll jista' jinftiehem b'dan il-mod [29]. F'dan il-każ, tkun eskluża applikazzjoni diretta ta' din id-dispożizzjoni.

67. Madankollu, meta jitqies iktar mill-qrib, il-kliem tal-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni ma jiġġustifikawx il-konklużjoni li l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tirrikjedi traspożizzjoni mill-Unjoni jew l-Istati Membri.

25 — Ara s-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1972, International Fruit Company *et* (21/72 sa 24/72, EU:C:1972:115), tal-1 ta' Marzu 2005, Van Parys (C-377/02, EU:C:2005:121, punti 39 u 42 *et seq*), u s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Il-Kummissjoni vs Rusal Armenal (C-21/14 P, EU:C:2015:494, punti 38 u 39).

26 — Sentenza tat-3 ta' Ġunju 2008, The International Association of Independent Tanker Owners *et* (C-308/06, EU:C:2008:312, punti 64 u 65). Ara, f'dan ir-rigward, Kokott, J., "International Law – A Neglected 'Integral' Part of the EU Legal Order?", f'*De Rome à Lisbonne: les juridictions de l'Union européenne à la croisée des chemins - Mélanges en l'honneur de Paolo Mengozzi*, Bruylant, Brussell 2013, p. 61, 76 *et seq*.

27 — Sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, Bund für Umwelt und Naturschutz Deutschland, Landesverband Nordrhein-Westfalen (C-115/09, EU:C:2011:289, punt 57).

28 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 — Konstatazzjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-24 ta' Settembru 2010, Cultra Residents' Association vs Ir-Renju Unit (ACCC/C/2008/27, punt 44 *et seq*). Fuq dan il-kumitat, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Edwards (C-260/11, EU:C:2012:645, punt 8).

68. Fil-verżjoni Franċiża tat-tieni sentenza tal-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni, li hija vinkolanti, jingħad espressament li l-partijiet kontraenti għandhom jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni tal-parteċipazzjoni pubblika *f'kull każ*[30]. Il-verżjonijiet bl-Ingliż[31] u bir-Russu[32], li wkoll huma vinkolanti, huma fl-istess sens, mill-inqas skont it-tendenza tagħhom. Għalkemm dawn ma jirrikjedux evalwazzjoni tal-każ individwali b'mod espliċitu, skont dawn għandu jiġi ddeterminat kull darba jekk attività proposta partikolari hijiex suġġetta għall-Artikolu 6.

69. Konsegwentement, it-tieni sentenza tal-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni hija mill-inqas imperattiva fis-sens li l-partijiet kontraenti bħala prinċipju għandhom jiddeċiedu f'kull każ jekk attività partikolari hijiex suġġetta għall-parteċipazzjoni pubblika skont l-Artikolu 6. Ma huwiex għad-diskrezzjoni tagħhom jekk jitwettaqx dan l-eżami jew le.

70. L-applikabbiltà diretta ta' dan l-obbligu lanqas ma hija kontra l-fatt li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni għandu jiġi applikat "b'konformità mad-dritt nazzjonali". Dan ir-riferiment ma jistax jinftiehem b'mod partikolari fis-sens li l-evalwazzjoni individwali ta' kull każ għandha tkun prevista fid-dritt nazzjonali. Dan għaliex f'dan il-każ, it-tieni sentenza tal-Artikolu 6(1)(b) tkun superfluwa.

71. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, bħala parti mid-dritt tal-Unjoni, b'mod inevitabbli diġà huwa parti mid-dritt tal-Istati Membri, u għalhekk bħala prinċipju jikkostitwixxi bażi legali suffiċjenti għall-evalwazzjoni tan-neċessità ta' parteċipazzjoni pubblika.

72. Konsegwentement, ir-riferiment għad-dritt nazzjonali fuq kollox ifisser li għandhom jiġu dedotti elementi minn dan id-dritt li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jistabbilixxix b'mod preċiż biżżejjed. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni tan-neċessità ta' parteċipazzjoni pubblika teħtieġ li tkun teżisti wkoll proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-attività inkwistjoni, li fil-kuntest tagħha tkun tista' tiġi eżaminata din il-kwistjoni. L-istabbiliment ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni jillimita liema attivitajiet huma tassew xierqa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6 u jippermetti li jiġu ddeterminati l-awtoritajiet li għandhom jeżaminaw in-neċessità ta' parteċipazzjoni pubblika.

73. Fil-kawża prinċipali, din il-kundizzjoni hija ssodisfatta, peress li l-ħajt tal-ilqugħ inkwistjoni jeħtieġ awtorizzazzjoni. Apparentament huwa anki possibbli livell minimu ta' parteċipazzjoni pubblika, peress li l-LZ ġiet informata dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni u setgħet tagħti opinjoni.

74. L-obbligu li tiġi evalwata n-neċessità ta' parteċipazzjoni pubblika jikkorrispondi għal dritt għal din l-evalwazzjoni, peress li skont l-Artikolu 1 tagħha, il-Konvenzjoni timmira li tiġġustifika tali drittijiet. Iżda jekk tali dritt jeżisti, dawk intitolati għalih iridu jkunu jistgħu wkoll jinfurzawh permezz ta' azzjoni ġudizzjarja.

75. Barra minn hekk, anki ċ-ċirku tal-persuni eleġibbli huwa ddeterminat b'mod ċar biżżejjed permezz tal-Konvenzjoni flimkien mat-traspożizzjoni tad-disożizzjonijiet ta' din mid-Direttiva 2011/92 u mid-dritt nazzjonali korrispondenti. Dan għaliex l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għandu l-għan li jkun hemm parteċipazzjoni mill-"pubbliku kkonċernat", li huwa ddefinit fl-Artikolu 2(5) tal-Konvenzjoni u jkopri l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent u li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha taħt id-dritt nazzjonali. L-Istati Membri jridu jirrikonoxxu lil tali organizzazzjonijiet

30 — "Les Parties déterminent dans chaque cas si l'activité proposée tombe sous le coup de ces dispositions".

31 — "To this end, Parties shall determine whether such a proposed activity is subject to these Provisions".

32 — "С этой целью Стороны определяют, охватывается ли такой планируемый вид деятельности этими положениями".

fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/92, filwaqt li jridu jiżguraw "aċċess wiesa' għall-qrati" u ma jistgħux idgħajfu l-effettività prattika tad-dispożizzjonijiet dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi [33]. Jekk l-LZ taqa' f'dan iċ-ċirku, din l-assoċjazzjoni wkoll trid tkun tista' tinfurza t-talba tagħha għal eżami tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni [34].

76. Għal dak li jikkonċerna l-kriterji għal deċiżjoni għal kull każ individwali dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, dak li jkun għandu jerġa' jirreferi għall-għan ta' din id-deċiżjoni. Fi kwalunkwe każ, skont il-verżjonijiet bl-Ingliż u bir-Russu tat-tieni sentenza tal-Artikolu 6(1)(b), hija sservi espressament sabiex timplementa l-ewwel sentenza, jiġifieri, li l-Artikolu 6 jiġi applikat ukoll fil-każ ta' deċiżjonijiet dwar attivitajiet ippjanati li ma humiex elenkati fl-Anness I, li jista' jkollhom effett sinjifikattiv fuq l-ambjent. Għalkemm il-verżjoni Franċiża ma ssemmix dan l-għan b'mod espress, anki f'din il-verżjoni lingwistika ma huwa evidenti ebda għan ieħor li jista' jkollha d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 6.

77. Bħalma l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet b'rabta mad-Direttiva 2011/92 [35] u mad-Direttiva 2001/42 [36], li fihom dispożizzjonijiet simili ħafna, dan l-għan jorbot l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali li tingħata lill-partijiet kontraenti fil-kuntest tal-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni. Meta l-attivitajiet ippjanati jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, id-deċiżjoni tal-partijiet kontraenti konsegwentement għandha tkun li jiġi applikat l-Artikolu 6. Abbażi ta' dan l-għan speċifiku, l-obbligu tal-parteċipazzjoni pubblika f'każ ta' effetti sinjifikattivi possibbli fuq l-ambjent ukoll japplika direttament [37].

78. Il-Konvenzjoni ma fiha ebda definizzjoni dwar liema effetti fuq l-ambjent huma sinjifikattivi. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward bħala prinċipju l-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni. Minkejja dan, id-Direttiva "Habitats" tispeċifika r-rekwiżiti li għandhom jiġu applikati għar-rilevanza tal-effetti fuq l-ambjent fil-qasam tal-protezzjoni tan-natura Ewroepa. B'hekk, ir-riskju ta' ħsara għal speċi protetti b'mod strett jista' jagħmel neċessarju l-evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent [38]. Barra minn hekk, l-effetti tal-proġetti fuq l-għanijiet ta' konservazzjoni tas-siti protetti għandhom jiġu eżaminati waqt evalwazzjoni skont id-Direttiva 2011/92 [39]. Konsegwentement, għandu jiġi preżunt li l-effetti ta' ħsara fuq l-għanijiet ta' konservazzjoni ta' żoni ta' protezzjoni Ewropej essenzjalment għandhom jitqiesu bħala sinjifikattivi fis-sens tal-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant, il-possibbiltà ta' tali effetti tal-attivitajiet proposti bħala regola timponi l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

79. Huwa minnu li din l-interpretazzjoni ma hijiex stabbilita b'mod deċiżiv fil-linji gwida għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni, iżda anki dan id-dokument jistipula li l-possibbiltà ta' effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent twassal għall-obbligu li tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 6. Din id-deċiżjoni, skont il-linji gwida, tista' tkun ibbażata fuq evalwazzjoni individwali ta' kull każ, iżda wkoll fuq valuri limiti jew kriterji. Dawn jindirizzaw ukoll il-possibbiltà ta' infurzar ġudizzjarju tal-obbligu li ssir parteċipazzjoni pubblika skont l-Artikolu 6 [40].

33 — Ara s-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2009, Djurgården-Lilla Värtans Miljöskyddsförening (C-263/08, EU:C:2009:631, punt 45).

34 — Ara, dwar id-Direttiva 2011/92/UE, is-sentenza tat-30 ta' April 2009, Mellor (C-75/08, EU:C:2009:279, punt 58).

35 — Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-24 ta' Ottubru 1996, Kraaijeveld *et* (C-72/95, EU:C:1996:404, punti 50 u 61), u tal-21 ta' Marzu 2013, Salzburger Flughafen (C-244/12, EU:C:2013:203, punti 29 u 41 sa 43).

36 — Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Ġunju 2001, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 157). Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2001, Valčiukienė *et* (C-295/10, EU:C:2011:608, punt 46).

37 — Ara, dwar id-Direttiva 2011/92/UE, pereżempju, is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, Salzburger Flughafen (C-244/12, EU:C:2013:203, punti 41 u 42).

38 — Ara, dwar il-protezzjoni tal-ispeċi, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2007, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-183/05, EU:C:2007:14, punti 34 sa 37), u l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Mellor (C-75/08, EU:C:2009:32, punt 54).

39 — Sentenza tal-24 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni vs Spanja, (C-404/09, EU:C:2011:768, punti 84 sa 92).

40 — Ebbesson/Gaugitsch/Miklau/Jendrośka/Stec/Marshall, *The Aarhus Convention: An Implementation Guide*, it-2 edizzjoni. 2014, p. 132.

80. Konsegwentement, mill-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jirriżulta dritt favur l-assoċjazzjonijiet ambjentali rikonoxxuti, li l-awtoritajiet kompetenti skont id-dritt nazzjonali, f'kull każ individwali, jeżaminaw jekk l-attivitajiet proposti jistax ikollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, u għalhekk l-Artikolu 6 għandu jiġi applikat għal dawn l-attivitajiet.

c) Fuq il-limiti tal-obbligu li ssir parteċipazzjoni pubblika

81. Madankollu, il-fatt li l-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus huwa potenzjalment mingħajr limiti huwa kontra s-soluzzjoni żviluppata hawn fuq. B'mod partiolari, dak li jkun jista' jassumi li l-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni jkopri kull attività konċepibbli u għalhekk jeħtieġ monitoraġġ komprensiv.

82. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Direttiva 2011/92 u tad-Direttiva 2001/42 [41] għall-kuntrarju tikkonċerna biss ċerti każijiet, b'mod partikolari t-tipi ta' proġetti [42] msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2011/92 u l-adozzjoni ta' pjanijiet u programmi, li l-adozzjoni tagħhom hija rregolata fil-leġiżlazzjoni u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, li jistabbilixxu l-awtoritajiet kompetenti f'dan ir-rigward u l-proċeduri għall-elaborazzjoni [43]. B'hekk, fiż-żewġ każijiet, il-leġiżlatur għamel selezzjoni minn qabel tal-attivitajiet li huma kkonċernati fir-rigward ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent.

83. Iżda anki l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni huwa ristrett mill-inqas sa fejn il-parteċipazzjoni pubblika trid issir f'konformità mad-dritt nazzjonali. Kif diġà ntwera, dan ifisser li jrid ikun hemm proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-attività inkwistjoni, li fil-kuntest tagħha tkun tista' titwettaq l-evalwazzjoni tan-neċessità tal-parteċipazzjoni pubblika kif ukoll, possibbilment, din il-parteċipazzjoni [44]. L-istabbiliment ta' tali proċedura ta' awtorizzazzjoni mil-leġiżlatur rispettiv bħala regola wkoll jiddependi mill-effetti mistennija tal-attivitajiet ikkonċernati.

84. Ir-"riskju" li fadal ta' parteċipazzjoni pubblika jikkorrispondi mal-għan tal-Konvenzjoni, li l-attivitajiet li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent jiġu suġġetti għall-Artikolu 6. Fil-fatt, din il-proċedura tista' tikkontribwixxi sabiex jiġu evitati l-effetti ta' tali attivitajiet fuq l-ambjent jew mill-inqas biex jiġu mminimizzati.

d) Konklużjoni intermedjarja

85. Għaldaqstant, l-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jiġġustifika dritt favur l-assoċjazzjonijiet ambjentali rikonoxxuti li l-awtoritajiet kompetenti skont id-dritt nazzjonali, fil-każ individwali, jeżaminaw jekk l-attivitajiet proposti jistax ikollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent u jekk l-Artikolu 6 għandux jiġi applikat għal dawn l-attivitajiet. Jekk dan huwa l-każ indikat mill-fatt li hija kkonċernata żona ta' protezzjoni Ewropea fil-kawża prinċipali, id-deċiżjoni dwar din l-attività tista' tiġi kkontestata skont l-Artikolu 9(2). Jekk għall-kuntrarju tiġi rrifjutata l-parteċipazzjoni pubblika, din id-deċiżjoni ta' rifjut mill-inqas tkun tista' tiġi kkontestata.

41 — Ara l-punt 77 iktar 'il fuq.

42 — Ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-10 ta' Lulju 2008, Aiello *et* (C-156/07, EU:C:2008:398, punt 34).

43 — Sentenza tat-22 ta' Marzu 2012, Inter-Environnement Bruxelles *et* (C-567/10, EU:C:2012:159, punti 28 sa 31). Il-konklużjonijiet tiegħi f'din il-kawża huma iktar iffukati (EU:C:2011:755, punti 14 sa 30). Ara wkoll il-kritika tas-Supreme Court tar-Renju Unit, HS2 Action Alliance Ltd, R (on the application of) vs The Secretary of State for Transport & Anor [2014] UKSC 3, punti 175-189.

44 — Ara l-punt 72 iktar 'il fuq.

3. Fuq il-fehma tal-Kummissjoni

86. Għal finijiet ta' kompletezza biss, finalment għandu jiġi indikat li l-fehma tal-Kummissjoni, li l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats" jimplementa l-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u għalhekk jiġġustifika obbligu li ssir parteċipazzjoni pubblika, ma hijiex konvinċenti.

87. Huwa minnu li l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats" jenfasizza l-possibbiltà ta' parteċipazzjoni pubblika b'rabta mal-evalwazzjoni li għandha titwettaq skont din id-dispożizzjoni. Iżda skont dan, il-pubbliku għandu jipparteċipa biss *jekk xieraq*. Konsegwentement, l-obbligu li jkun hemm parteċipazzjoni pubblika jrid jirriżulta minn dispożizzjonijiet oħra, bħal pereżempju mid-Direttiva 2011/92 jew mid-Direttiva 2001/42 jew anki mill-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni.

B – *Fuq il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva*

88. Il-qorti suprema tixtieq tkun taf jekk huwiex kompatibbli mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva li proċedura ġudizzjarja dwar ir-rikonoxximent ta' assoċjazzjoni ambjentali bħala parti fil-proċedura amministrattiva tintemm wara li tiġi konkluża din il-proċedura tal-aħħar u li l-assoċjazzjoni ambjentali tiġi mistiedna tressaq rikors ieħor f'dan ir-rigward.

1. Dwar ir-rimedji tad-dritt Slovakk

89. F'dan ir-rigward, skont l-informazzjoni tal-qorti suprema, id-dritt Slovakk joffri żewġ rimedji li huma komplementari.

90. L-ewwel rimedju jista' jkun kontra d-deċiżjoni ta' proċedura, li permezz tagħha r-rikorrenti tiġi miċħuda il-pożizzjoni bħala parti fil-proċedura. Jekk dan ir-rikors jirnexxi, ir-rikorrenti għandha tipparteċipa fil-proċeduri ulterjuri u wara li tiġi konkluża l-proċedura tista' tikkontesta kwalunkwe deċiżjoni fuq il-mertu. Minkejja dan, ma jkunx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors jekk sadanittant il-proċedura amministrattiva inkwistjoni tiġi konkluża permezz ta' deċiżjoni. Dan peress li f'dan il-każ jaqa' s-suġġett ta' din il-proċedura ġudizzjarja, minħabba li d-drittijiet bħala parti fil-proċedura ma jistgħux jiġu eżerċitati iktar. Din hija l-konklużjoni preċedenti tal-proċedura ġudizzjarja fil-kawża prinċipali.

91. F'din is-sitwazzjoni, jista' jitressaq it-tieni rikors skont l-Artikolu 250b(2) tal-Kodiċi ta' proċedura ċivili Slovakk. Skont dan, persuna li ma kinitx ipparteċipat fi proċedura amministrattiva konkluża, tista' tippreżenta rikors bl-għan li d-deċiżjoni finali tal-awtorità tiġi nnotifikata lilha. Biex dan ir-rikors jirnexxi, ir-rikorrenti kellha tkun ipparteċipat fil-proċedura. F'każ li r-rikors jirnexxi, id-deċiżjoni amministrattiva trid tiġi nnotifikata lir-rikorrenti u hija sussegwentement tkun tista' tappella kontra d-deċiżjoni. Bħala prinċipju din hija t-triq li l-LZ kellha taqbad fil-kawża prinċipali.

92. It-tieni rimedju, madankollu, skont l-Artikolu 250b(3) tal-Kodiċi ta' proċedura ċivili Slovakk, huwa suġġett għal terminu ta' dekadenza ta' tliet snin mill-adozzjoni tad-deċiżjoni amministrattiva. Dan it-terminu diġà għadda fil-kawża prinċipali.

2. Fuq il-kriterji applikabbli tad-dritt tal-Unjoni.

93. Peress li d-dritt tal-Unjoni jiġġustifika dritt tal-assoċjazzjonijiet ambjentali rikonoxxuti għall-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwaw b'mod sinjifikattiv iż-żoni ta' protezzjoni Ewropej fis-sens tad-Direttiva "Habitats" jew "Għasafar" kemm permezz tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats" kif ukoll permezz tal-Artikolu 6(1)(b) u tal-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, id-drittijiet fundamentali tad-dritt tal-Unjoni huma applikabbli fir-rigward tal-infurzar ta' dan id-dritt.

94. F'dan ir-rigward huwa ta' interess partikolari l-Artikolu 47(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ċċitat mill-qorti suprema. Skont dan l-artikolu, kull persuna li ġġarrab ksur tad-drittijiet jew tal-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni għandu jkollha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti. Din id-dispożizzjoni tikkorrabora l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva – prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li jirriżulta mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, u li ġie stabbilit fl-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [45].

95. Barra minn dan, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus [46]. Skont din id-dispożizzjoni, il-proċeduri msemmija b'mod partikolari fl-Artikolu 9(2) u (3) jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja xierqa u effettiva. Dawn il-proċeduri għandhom ikunu ġusti, retti, f'waqthom u ma jkunux jiswew daqshekk tant li jispiċċaw ikunu projbittivi.

96. L-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni huwa manifestament applikabbli, sa fejn id-dritt ta' azzjoni huwa sostnut mill-Artikolu 6(1)(b) flimkien mal-Artikolu 9(2). Iżda anki d-dritt ta' azzjoni abbażi tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats" jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni, peress li dan it-tieni dritt għandu jiġi attribwit għat-traspożizzjoni tad-dritt ta' azzjoni ġenerali, iżda mhux direttament applikabbli, skont l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni.

97. Minkejja dan, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, huwa l-ordinament ġuridiku nazzjonali ta' kull wieħed mill-Istati Membri li għandu jirregola l-modalitajiet proċedurali ta' azzjonijiet intiżi sabiex jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet li l-individwi għandhom bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni, f'dan il-każ il-Konvenzjoni ta' Aarhus u d-Direttiva 'Habitats', u dan inkwantu li l-Istati Membri huma responsabbli li jiżguraw, f'kull każ, il-protezzjoni effettiva ta' dawn id-drittijiet [47].

98. F'dan ir-rigward, il-modalitajiet proċedurali għall-azzjonijiet intiżi sabiex jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni ma jistgħux ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw azzjonijiet domestiċi simili (prinċipju ta' ekwivalenza) u ma għandhomx jirrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju ta' drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività) [48].

99. Fil-każ preżenti ma humiex apparenti indikazzjonijiet ta' ksur tal-prinċipju ta' ekwivalenza. Għalhekk, sussegwentement, bħala prinċipju li jsawwar l-Artikolu 47 tal-Karta huwa ta' importanza primarjament il-prinċipju ta' effettività, kif ukoll possibbilment, l-ispeċifikazzjoni tiegħu mill-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

3. Fuq l-iżgurar tal-garanziji ta' protezzjoni ġudizzjarja fil-kawża prinċipali

100. Sabiex nistħarreġ l-iżgurar tal-garanziji ta' protezzjoni ġudizzjarja fil-kawża prinċipali, l-ewwel nett ser nindirizza b'mod astratt kif inhia mfassla l-protezzjoni ġudizzjarja fid-dritt Slovakk, imbagħad it-terminu ta' dekadenza ta' tliet snin u finalment l-applikazzjoni prattika ta' din id-dispożizzjoni.

45 — Sentenzi tat-13 ta' Marzu 2007 Unibet (C-432/05, EU:C:2007:163, punt 37), tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs IlKunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 335), u tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153, punt 45).

46 — Sentenza tal-11 ta' April 2013, Edwards u Pallikaropoulos (C-260/11, EU:C:2013:221, punt 33).

47 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125, punt 47).

48 — Sentenzi tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125, punt 48), tas-16 ta' April 2015, Gruber (C-570/13, EU:C:2015:231, punt 37), u tas-6 ta' Ottubru 2015, East Sussex County Council (C-71/14, EU:C:2015:656).

a) Fuq it-tfassil tal-protezzjoni ġudizzjarja

101. L-ewwel nett għandu jiġi mistħarreġ jekk il-mod kif inhija mfassla l-protezzjoni ġudizzjarja fid-dritt Slovakk jirrendix prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

102. L-aċċess għall-protezzjoni ġudizzjarja huwa mibni fuq żewġ livelli fid-dritt Slovakk u spiss aktarx li jkun jeħtieġ tliet proċeduri ġudizzjarji. L-ewwel nett, il-persuni kkonċernati jridu jiksbu r-rikonoxximent tagħhom bħala partijiet fil-proċedura u jiksbu aċċess għal rimedju jew żewġ rimedji għal dan. Huwa biss fl-aħħar li huma jistgħu jikkontestaw id-deċiżjoni amministrattiva fi-każ.

103. Huwa minnu li din is-sistema tidher ikkomplikata mal-ewwel daqqa t'għajn, iżda ma tippermettix awtomatikament l-allegazzjoni li ma hijiex effettiva jew li tkun tirrendi eċċessivament diffiċli l-protezzjoni ġudizzjarja. Għall-kuntrarju, bħala regola trid tingħata risposta għall-punti ta' dritt marbuta mad-diversi livelli tas-sistema, anki fil-qafas ta' proċedura ta' rikors uniformi.

104. Kif jirriżulta mill-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, dan il-mod kif inhija mfassla l-protezzjoni ġudizzjarja minkejja dan la jista' jdewwem il-proċedura b'mod irraġonevoli u lanqas ma jista' jikkawża spejjeż eċċessivi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod simili abbażi tal-prinċipju ta' effettività fil-każ ta' qsim tal-protezzjoni ġudizzjarja f'żewġ rikorsi ppreżentati b'mod parallel [49]. Huma l-qrati nazzjonali li jridu jistħarrġu jekk tali riskji jeżistux fil-prattika.

105. Jekk jeżistu tali riskji, tkun il-qorti tar-rinviju, sal-limitu tas-setgħa diskrezzjonali tagħha skont il-liġi nazzjonali, li għandha tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali b'mod konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni u, fejn tali interpretazzjoni ma tkunx possibbli, li ma tapplikax kull dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tmur kontra dawn l-eżiġenzi [50]. F'dan ir-rigward, tqum il-kwistjoni dwar jekk il-limitu ta' żmien ta' tliet snin huwiex verament intiż sabiex tipprevjeni t-tieni rikors jekk, f'dak il-perijodu, l-istess kwistjonijiet diġà ġew diskussi b'mod estensiv fil-kuntest tal-ewwel rikors u l-ebda aspettattiva leġittima għalhekk ma tista' tinqala' f'dan ir-rigward. Il-qrati Slovakki jistgħu wkoll, fl-interess tal-iżvolġiment tajjeb tal-proċeduri, jikkunsidraw jikklassifikaw mill-ġdid l-ewwel rikors f'termini tat-tieni rikors *ex officio* ladarba l-proċeduri amministrattivi jkunu ġew konklużi. Jekk waħda minn dawn l-għażliet tkun disponibbli skont id-dritt Slovakk, madankollu, hija kwistjoni li biss il-qrati Slovakka tista' tiddetermina.

106. Konsegwentement, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ma jipprekludux sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja li, kif spjegat fil-punti 89 sa 91, l-applikazzjoni tagħha ma ddewwimx b'mod irraġonevoli l-proċedura u ma tikkawża ebda spiża eċċessiva.

b) Fuq it-terminu ta' dekadenza ta' tliet snin

107. L-iffissar ta' termini raġonevoli għall-azzjonijiet taħt piena ta' dekadenza fl-interess taċ-ċertezza legali, li jħares lill-individwi kif ukoll lill-awtoritajiet, huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, tali termini ma humiex ta' natura li jagħmlu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni [51].

108. Fil-każ li l-persuni kkonċernati – bħal fil-kawża prinċipali – ikunu jafu jew kellhom ikunu jafu dwar id-deċiżjoni amministrattiva inkwistjoni, terminu ta' tliet snin huwa meqjus ġeneruż ħafna.

49 — Ara s-sentenza tal-15 ta' April 2008, Impact (C-268/06, EU:C:2008:223, punt 51).

50 — Sentenzi tal-11 ta' Jannar 2007, ITC (C-208/05, EU:C:2007:16, punt 70), u tat-8 ta' Mejju 2013, Marinov (C-142/12, EU:C:2013:292, punt 39).

51 — Sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1976, Rewe-Zentralfinanz u Rewe-Zentral (33/76, EU:C:1976:188, punt 5), tas-17 ta' Novembru 1998, Aprile (C-228/96, EU:C:1998:544, punt 19), tat-30 ta' Ġunju 2011, Meilicke *et* (C-262/09, EU:C:2011:438, punt 56), u tad-29 ta' Ottubru 2015, BBVA (C-8/14, EU:C:2015:731, punt 28).

109. Dan jista' jitqies b'mod differenti jekk id-deċiżjoni amministrattiva ma kinitx prevedibbli għall-persuni kkonċernati qabel l-iskadenza tat-terminu. Iżda l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni fil-każ preżenti.

110. Konsegwentement, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ma jipprekludux terminu ta' dekadenza ta' tliet snin għal azzjoni kontra deċiżjoni amministrattiva li l-partijiet ikkonċernati jkunu jafu biha.

c) Fuq l-iżvolġiment tal-kawża prinċipali

111. Madankollu, huwa dubjuż jekk l-applikazzjoni tat-terminu ta' dekadenza huwiex iġġustifikat fil-kawża prinċipali.

112. Ir-Repubblika Slovakka u l-LZ ma jaqblux dwar jekk setax jitressaq it-tieni rikors, jiġifieri r-rikors għal notifika tad-deċiżjoni amministrattiva [52], wara li awtorità amministrattiva diġà kienet irrifjutat b'mod espress il-parteċipazzjoni fil-proċedura amministrattiva.

113. F'każijiet simili dwar l-Artikolu 6(1) KEDB, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet tal-fehma li fir-rigward tad-dubji dwar l-effettività ta' rimedju normalment għandu jiġi deċiż li fir-realtà ttieħdet din l-azzjoni [53].

114. Barra minn hekk, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-qorti suprema fil-kawża prinċipali diġà kienet indikat, f'deċiżjoni tas-26 ta' Jannar 2012, jiġifieri diversi xhur qabel l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata tat-tieni rikors, li hija kienet temmet l-ewwel rikors u li rimedju kien disponibbli biss permezz tat-tieni rikors [54].

115. Konsegwentement, l-LZ kienet taf dwar is-sitwazzjoni legali qabel l-iskadenza tat-terminu ta' dekadenza, u skont l-informazzjoni disponibbli setgħet tressaq it-tieni rikors.

116. Min-naħa l-oħra, fit-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti suprema tinforma li d-deċiżjoni amministrattiva, li permezz tagħha l-LZ ġiet miċħuda milli tipparteċipa fil-proċedura amministrattiva, kienet saret waħda *finali*, flimkien mal-awtorizzazzjoni tal-proġett tal-ħajt tal-ilqugħ [55]. Jekk din in-natura finali tagħha tkun tkopri l-kontenut tad-deċiżjoni, jiġifieri l-konstatazzjoni li l-LZ ma kellhiex tipparteċipa fil-proċedura, allura huwa rilevanti l-argument tal-LZ, li konsegwentement anki t-tieni rikors ma setax jirnexxi u li l-infurzar tad-drittijiet tagħha jkun prattikament impossibbli. Dan għaliex dan it-tieni rikors jirrikjedi li l-LZ fir-realtà kellha tipparteċipa fil-proċedura.

117. L-eżerċizzju tad-drittijiet tal-LZ ikun prattikament impossibbli wkoll jekk l-ewwel proċedura tar-rikors li kienet għadha għaddejja tkun ipprekludiet li jitressaq it-tieni rikors b'mod legalment effettiv jew jekk it-terminu ta' dekadenza ta' tliet snin ma jkunx ġie interrott b'din it-tieni proċedura u b'hekk ma kinitx mistennija deċiżjoni dwar il-pożizzjoni legali tal-LZ.

118. Indipendentement minn dawn il-punti, li finalment jistgħu jiġu deċiżi biss mill-qrati nazzjonali, hemm ukoll indikazzjonijiet li l-infurzar legali kien eċċessivament diffiċli għal-LZ. Dan għaliex anki skont id-dikjarazzjonijiet tal-qorti suprema dwar l-ewwel rikors tal-LZ apparentement kien għad hemm diversi mistoqsijiet mhux imwieġba, biex b'hekk għall-ewwel la l-qorti suprema u lanqas il-qorti reġjonali ma kkonstataw li hemm lok li tingħata deċiżjoni. Għall-kuntrarju, il-qorti reġjonali

52 — Ara l-punt 91 iktar 'il fuq.

53 — Sentenza tal-Qorti EDB, tat-23 ta' Mejju 2016, Avotiņš gg. Lettland (Rikors Nru 17502/07, punt 122 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 — Ara l-punt 25 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

55 — Punt 23 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

ddikjarat li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors biss f'April tal-2013, wara li l-qorti suprema kienet iddeċidiet għat-tieni darba f'din il-kawża u b'hekk sena wara li għadda t-terminu ta' dekadenza għat-tieni rikors. Sadanittant, min-naħa l-oħra, il-qorti reġjonali laqgħet ir-rikors tal-LZ għat-tieni darba.

119. Dan jikkostitwixxi indikazzjoni importanti li l-LZ setgħet xorta tassumi li ser jirnexxi l-ewwel rikors anki wara l-ewwel deċiżjoni tal-qorti suprema. Il-fatt li f'din is-sitwazzjoni jkun meħtieġ li minkejja dan, bħala prekawzjoni, l-LZ tkun diġà ressqet it-tieni rikors, ikun iġġustifikat biss, meta t-tieni deċiżjoni tal-qorti reġjonali li tilqa' r-rikors tagħha tkun ivvizzjata bi żbalji legali manifestament serji.

120. Madankollu, dan jistgħu jiddeċiduh biss il-qrati nazzjonali, li fl-istess waqt, minbarra d-dritt Slovakk għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni wkoll iċ-ċirkustanzi prattiċi kollha tal-każ, u b'hekk b'mod partikolari l-ispejjeż addizzjonali, id-dewmien u l-iżvantaġġi proċedurali l-oħra li rriżultaw fil-konfront tal-LZ minħabba dan l-iżvolġiment tal-proċedura.

121. Konsegwentement, għandu jiġi konkluż li fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ma jipprekludux sitwazzjoni fejn assoċjazzjoni ambjentali tiġi mistiedna tressaq it-tieni rikors, jekk dan ma jagħmilx l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lilha mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

V – **Konklużjoni**

122. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tas-17 ta' Frar 2005 la jipprekludu;

— sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja bħal dik deskritta fil-punti 89 sa 91, li l-applikazzjoni tagħha ma ddewwimx b'mod irraġonevoli l-proċedura u ma tikkawżax spiża eċċessiva,

— la terminu ta' dekadenza ta' tliet snin sabiex wieħed jappella kontra waħda mid-deċiżjonijiet amministrattivi magħrufa mill-persuni kkonċernati,

— u lanqas, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, li l-assoċjazzjoni ambjentali tiġi mistiedna tressaq it-tieni rikors, li ma jagħmilx l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lilha mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli.